**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 31 – IT-TLIETA, 19 TA' FRAR 2013 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| | Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousù | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 30**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Kien hemm diskussjoni rigward is-Sur Oreste Kirkop li ġie nieqes xi żmien ilu. Ġie deċiż li għandha tiġi splorata l-possibbilità li ssir tifkira tiegħu fil-Kappara peress li hu kien jgħix ħafna żmien hemm. Is-Sur Salvatore Mousù għandu jagħmel kuntatt mal-familja tiegħu għal dan il-għan.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Ġiet diskussa l-proposta tal-Book in a Box. Din il-proposta qegħda tissuġġerixxi li dawk il-phoneboxes il-ħomor l-antiki li m'għadhomx jintużaw, jibdew jintużaw bħala libreriji zgħar. Din il-proposta ma ġietx milqugħha minħabba li mhemmx minn dawn il-phoneboxes fil-Kappara.

3.2 Ġiet innutata li minkejja t-tabelli tan-No Heavy Vehicles, xorta waħda wieħed jista' jara diversi heavy vehicles fil-Kappara xi wħud anke pparkjati wrong way. Għandhom jiġu nnotifikati l-awtoritajiet konċernati.

3.3 Ġiet innutata li TM għadhom ma tawniex risposta għat-talba biex Triq il-Gardell issir One Way.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2013 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |